# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

**L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200** | **t:** 2155 6377 | **e:** info@stgeorge.org.mt | **L-Arċipriet • m:** 7920 4434 | **e:** archprieststgeorge@gmail.com
**w:** www.stgeorge.org.mt | **fb:** www.facebook.com/stgeorge.org.mt | **live streaming:** www.youtube.com/StGeorgesBasilica | **RADJU** *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | **t:** 2156 5207


## Iż-żmien tal-Knisja

Pentekoste hu l-jum li fih bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu d-dixxipli jsiru wkoll appostli. Id-dixxiplu jimxi wara Ġesù, l-appostlu jwassal l-aħbar it-tajba u jħeġġeġ oħrajn isiru dixxipli. Mela biex tkun appostlu l-ewwel trid tkun dixxiplu.

**Kif issir dixxiplu?**
Id-dixxiplu hu dak li jilqa' l-Kelma ta' Ġesù u jinduna li ħajtu ma tagħmilx sens mingħajr Kristu. Għalhekk jibda jitħeġġeġ biex jitgħallem iżjed dwar Ġesù u fit-talb u l-qadi tal-proxxmu jsir jaf lil Ġesù personalment.

**Kif issir appostlu?**
Wara li l-Kristjan jitħeġġeġ biex jimxi wara Ġesù, ma jkunx jista' jżomm l-fidi għalih biss iżda jkun irid jaqsam mal-oħrajn din l-aħbar it-tajba. U għalhekk skont il-vokazzjoni tiegħu jsir appostlu ma' dawk li l-Mulej jafdalu qribu.

**U l-ħeġġa?**
Dik problema! Jekk m'hemmx ħeġġa jfisser li l-laqgħa vera ma' Ġesù għadha ma saritx. Ifisser li l-fidi mhix aħbar tajba. Ifisser li fil-ħajja għad hemm affarijiet oħra ħafna iktar importanti minn Alla u allura nserrħu l-kuxjenza b'ħajja tal-fidi medjokri.

**Talba għall-Parroċċa tagħna**
Prattikament il-formazzjoni tal-adulti ġiet ridotta għall-quddiesa tal-Ħadd. L-aħħar darba li morna għal xi tip ta' formazzjoni fil-fidi hu fil-Griżma. Nixtieq nitlobkom titolbu lill-Ispirtu s-Santu biex idawwalna u jurina kif għandna nagħmlu l-formazzjoni tal-adulti fil-parroċċa tagħna. Għax kif nistgħu nkunu appostli fil-familji tagħna, fuq ix-xogħol, fit-triq, jekk anqas biss aħna dixxipli serji?



Nhar il-Ħadd li ġej 9 ta' Ġunju Bro. Etienne Gilson Ofm Conv. se jirċievi il-ministeru tal-lettorat. Il-quddiesa mmexxija mill-Provinċjal tkun fil-5pm fil-Knisja ta' San Franġisk. Dan huwa pass ieħor fil-mixja tiegħu lejn il-ħajja saċerdotali. Nitolbu għalih filwaqt li nirringrazzjawh tal-għajnuna kollha li jagħti lill-parroċċa tagħna.

## Il-Ħamisijiet ta' San Ġorġ



**Il-ħames Ħamis:** 13 ta' Ġunju
**X'ħin:** 8pm
**Għal min se nitolbu?:** Kulħadd hu mistieden u se nitolbu għar-residenti tat-toroq: Karlu Galea, Universitas, Kunsill Ċiviku, Ewropa, Viani, Muniċipju Ruman, Far, Putirjal, Pjazza San Franġisk, Enrico Mizzi, Arturo Mercieca, Qasam San Ġorġ, Kerċem, Wied, Imblokk tal-Franċiżi, Pawlu Portelli.

VICTORIA INTERNATIONAL ARTS FESTIVAL

Nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju tiftaħ it-22 edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival b'kunċert mill-Orkestra Nazzjonali bis-sehem tal-Symphonischer Chor Hamburg u tal-kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' Thomas Dahl fit-Teatru Astra fit-8.00pm. Il-Festival, offerta kulturali fil-kuntest tal-Festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ, jibqa' sejjer b'kunċerti kuljum sat-Tnejn 15 ta' Lulju. Dħul b'xejn.

## IL-FESTA TAGĦNA: kunu ġenerużi




M'hemmx festa ta' San Ġorġ mingħajr iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Fidi fil-Knisja. San Ġorġ fil-kobor tal-martirju tiegħu jwassalna nifirħu bil-kobor ta' Alla.
Matul din il-ġimgħa qed issir il-ġabra tal-festa. Dawk minnkom li ma kinux id-dar inħeġġuhom iwasslu l-envelopp l-uffiċċju parrokkjali jew fil-knisja. Jingħatalkom poster il-ġmiel tiegħu b'tifkira. Tafu li biex issir festa xierqa rridu nistinkaw ħafna biex il-festa ta' ġewwa tkun dinjituża. Kunu ġenerużi bħal dejjem! **San Ġorġ iberikkom**.

**KRONAKA** **01-06-2019** Sar it-tieġ ta' ANTHONY SAID u MARIE GAUCI.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 09-06-2019 | Carmelo u Stella Attard |
| 10-06-2019 | Ġanni u Fortunata Gatt |
| 11-06-2019 | Ġorġ Sacco |
| 12-06-2019 | Mons. Anton Grech-Vella |
| 13-06-2019 | Pawla u Ġużi Cassar |
| 14-06-2019 | Ġużeppi Mizzi |
| 15-06-2019 | Rikardu Ellis |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM